29 ta' Ġunju 2019
75/2019

**IL-POLICY RIVEDUTA DWAR IL-POMPI TAL-PETROL: AMBIGWA APPOSTA JEW B'NUQQASIJIET ĠENWINI WAQT IT-TĦEJJIJA?**

STQARRIJA MILL-KUMMISSJONI INTERDJOĊESANA AMBJENT

Il-Kummissjoni Interdjoċesana Ambjent (KA) temmen li ma ntużatx ir-reqqa mistennija fit-tħejjija tal-policy riveduta dwar il-pompi tal-petrol qabel ma ġiet ippubblikata. Jekk dan mhux il-każ, wieħed ikollu raġun jemmen li hija ambigwa apposta biex jinħolqu loopholes legali li jagħtu lok li applikazzjonijiet ġodda jiġu mgħoddija xorta waħda. Fis-sezzjoni 'Scope' il-policy proposta tgħid hekk: "This document is repealing the existing Fuel Service Stations Policy April 2015. Any pending development application shall be assessed according to this policy document".

Dan jimplika li applikazzjonijiet pendenti ser jiġu deċiżi skont din il-policy l-ġdida. Imma kif jista' dan ikun il-każ jekk ma jiġix emendat l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp? L-Artiklu 72 (2) ta' dan l-Att jgħid ċar u tond li fid-determinazzjoni ta' applikazzjoni għall-permess għall-iżvilupp, il-Bord tal-Ippjanar għandu jirreferi biss għal pjanijiet, policies jew regolamenti li ġew iffinalizzati u approvati mill-Ministru (responsabbli mill-ippjanar) jew mill-Kamra tad-Deputati skont il-każ u pubblikati. Jidher ċar, għalhekk, li f'deċiżjonijiet dwar applikazzjonijiet għall-iżvilupp, wieħed irid iqis biss dak li jgħidu dawn il-policies approvati.

Il-KA ma tistax tifhem kif dan il-punt qabeż lil min kien responsabbli fit-tfassil tal-policy proposta. Mill-aspett legali, meta tiġi biex tkun applikata għar-realtà, il-policy proposta titlef is-saħħa kollha tagħha jekk l-ewwel ma tkunx ġiet approvata mill-Ministru u ppubblikata.

Il-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali ġie kkwotat jgħid li l-Awtorità tal-Ippjanar ma tistax tipposponi applikazzjonjiet pendenti għal meta din il-policy l-ġdida tiġi approvata għaliex dan jista' jagħti lok li l-applikanti jieħdu passi legali[1]. Għaldaqstant, il-KA tistaqsi: kemm se jdum il-Ministru biex japprova l-policy l-ġdida sabiex tibda tiġi applikata għal applikazzjonjiet ġodda u pendenti? Dan id-dewmien se

[1]https://www.maltatoday.com.mt/environment/environment/95476/heritage_watchdog_surprised_fuel_stations_still_considered_despite_policy_review#.XPoKBBYzapo

Kurja tal-Arċisqof
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

Indirizz Postali
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

Tel. +356 2124 1281
Email. media@maltadiocese.org
www.knisja.mt

jwassal biex jiġu approvati l-applikazzjonjiet kollha, kemm dawk ġodda kif ukoll pendenti. Iż-żmien li ttieħed biex tiġi mħejjija r-reviżjoni tal-policy kien twil wisq, tant li ċ-ċittadin bilfors jaħseb li dan sar biex jakkomoda dawk l-applikazzjonijiet li ddaħħlu bil-ħsieb li jiġu approvati skont il-policy tal-2015.

## Triq twila għall-policy proposta

Jekk tassew il-ħsieb kien li jkun hemm bidla fis-sitwazzjoni preżenti, ma kien hemm l-ebda ħtieġa għall-proċess daqstant twil li matulu l-ewwel kellna lill-Awtorità għall-Ambjent u l-Ippjanar (ERA) tħejji l-proposti tagħha għall-policy tal-2015, biex imbagħad matul il-perjodu ma jispiċċa qatt ta' 'diskussjoni' fuq dawn il-proposti, baqgħu jiġu approvati applikazzjonjiet oħra. Il-proċess ta' reviżjoni kien ikun aktar kredibbli li kieku ġew segwiti mill-ewwel il-proċeduri legali kif mitlub mill-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp meta tkun se ssir bidla f'policy. Dan huwa l-proċess li qed jiġi adottat bħalissa fl-eżerċizzju ta' konsultazzjoni. L-ERA kieku kienet tikkontribwixxi għall-bidla fil-policy bħala parti minn dan il-proċess sabiex titħaffef ir-reviżjoni. L-impatti negattivi li l-policy ta' bħalissa qed ikollha fuq l-ambjent ilhom ċari għal kulħadd sa mill-jum li fih ġiet approvata u jidher li qatt ma kien hemm għaġla biex tiġi riveduta.

## X'qed nifhmu eżatt b'rilokazzjoni?

Il-policy proposta għandha tiddefinixxi sew it-terminu 'rilokazzjoni' billi tispeċifika d-distanza bejn il-pompa tal-petrol l-antika u dik li se tkun qed tinbena flokha. Pompa tal-petrol tipprovdi servizz lill-vetturi li jkunu għaddejjin minn inħawi partikulari u għandha tkompli tforni dan is-servizz kemm jista' jkun fl-istess lokalità ġenerali. Il-policy preżenti tal-2015 fetħet il-bibien għal abbuż sfaċċat, tant li applikazzjoni għal pompa tal-petrol barra ż-żona tal-iżvilupp fil-limiti ta' Birżebbuġa, li tinkludi faċilitajiet ta' carwash, kafetterija, garaxx ta' mekanik, tiswijiet ta' punctures, faċilitajiet ta' car valeting, u parkeġġ, ġiet sottomessa biex tinbena minflok pompa tal-petrol mhix użata fir-Rabat Għawdex! Is-Supretendent tal-Wirt Kulturali kellu raġun jesprimi t-tħassib tiegħu għal din l-applikazzjoni.[2]

[2] https://www.maltatoday.com.mt/environment/environment/95476/heritage_watchdog_surprised_fuel_stations_still_considered_despite_policy_review#.XPoKBBYzapo

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**

## Tagħrif aktar dettaljat kien mistenni fil-policy proposta

Bin-numru mhux żgħir ta' xhur li damet titħejja din il-policy, tista' tgħid li kien hemm biżżejjed żmien biex id-dokument ikun wieħed komprensiv. Għalhekk, il-KA kienet tistenna li l-policy proposta tkun ħafna aktar iddettaljata milli hi. Bħalma l-policy tgħid li l-iskop tad-dokument huwa "to highlight past, current and future trends in the development of fuel stations" wieħed kien jistenna li d-dokument jidħol aktar fil-fond fit-tifsira tal-iskop. Konna nistennew ukoll li d-dokument jagħti n-numru tal-pompi tal-petrol li kellhom il-ħtieġa li jiġu rilokati, bid-dettalji dwar il-post fejn jinsabu bħalissa u x'livell ta' riskju qed joħolqu għaż-żoni residenzjali.

## Ir-raġuni għar-rilokazzjoni għandha tkun ibbażata fuq raġunijiet ta' sigurtà

Il-KA tħoss li r-raġunijiet għala jkun hemm ħtieġa ta' rilokazzjoni għandhom ikunu marbuta ma' sigurtà u/jew ma' dak li titlob l-Unjoni Ewropea fejn jidħlu standards. Dawk il-pompi tal-petrol li ma joffru l-ebda xorta ta' riskju m'hemmx għalfejn jiġu rilokati sakemm l-upgrading tagħhom ma jkunx imxekkel mil-limitazzjonijiet tal-art li jkunu jokkupaw. L-ebda pompa tal-petrol ma għandha tiġi rilokata minħabba xi użu fil-qrib li qed ikun ta' periklu. F'dan il-każ għandhom jiġu riveduti l-permessi, u jekk hemm bżonn jiġu rtirati, ta' dawn l-użi l-oħra. Dan japplika b'mod partikulari fejn, fi kliem l-istess policy proposta, ikun hemm "nearby ground fireworks being let off in the vicinity or other similar hazards".

## L-ebda impenn li art ODZ tiġi mħarsa mill-iżvilupp

Il-KA hija mħassba dwar il-fatt li jidher li l-awtoritajiet mhumiex qed japprezzaw l-artijiet barra ż-żoni tal-iżvilupp li fil-biċċa l-kbira tagħhom huma spazji miftuħa. Malta hija waħda mill-pajjiżi l-aktar popolati fid-dinja. Għaldaqstant, l-ispazji miftuħa għandhom ikunu mħarsa. Pompa tal-petrol f'nofs l-apert 'il bogħod minn kullimkien malajr tista' ttellef il-karattru ta' spazju miftuħ imdaqqas. Għalhekk, il-policy l-ġdida għandha tgħid ċar u tond li ebda pompa tal-petrol ma hi se titħalla tinbena fuq art ODZ.

## Kienu l-protesti mill-pubbliku li qanqlu t-tfassil tal-policy proposta?

Il-KA kienet tistenna li d-dokument ippreżentat għall-konsultazzjoni pubblika jkun rivedut sew minħabba l-iżbalji ċari li fih. Id-dokument jagħti l-impressjoni li t-tħejjija tiegħu saret b'ħafna għaġla, forsi minħabba l-protesti tal-Moviment Graffitti li kienu qed

jibdew jimbarazzaw lill-awtoritajiet. Il-fatt li wara żmien twil ta’ lajma jibda jsir xi ħaġa meta l-protesti jibdew idejqu lill-awtoritajiet jista’ jixhed sens ta’ insensittività lejn l-artijiet barra miż-żoni tal-iżvilupp. Dan ilu żmien jinkwieta lil dawk iċ-ċittadini ta’ kuxjenza li ma jixtiqux jaraw l-ambjent naturali u kulturali jisfa vittma ta’ interessi finanzjarji.

Insensittività bħal din wieħed jaraha (i) fit-tibdil li saru fl-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp (ii) il-ħolqien ta’ pjan strateġiku dgħajjef biex jieħu post il-Pjan ta’ Struttura u (iii) il-ħolqien ta’ policies li jkomplu dejjem jagħtu lok għal tnaqqir ta’ artijiet li huma ODZ, bħal fil-każ tar-Rural and Design Guidance. Il-KA ilha żmien ittambar permezz tal-istqarrijiet tagħha dwar l-impatti negattivi li strumenti ta’ ippjanar bħal dawn qed ikollhom fuq l-istat tal-ambjent f’pajjiżna.

Il-policy proposta tgħid: “Any fuel station permitted by this policy document which is not used for a period of three consecutive years within thirty years from the date of the issue of the permit, and/or is not used for its permitted purpose shall be demolished at the expense of the owner, and the site has to return to agricultural state”. Madanakollu, l-istess policy aktar qabel tgħid li ebda pompa tal-petrol mhi se titħalla tinbena fuq art agrikola. Għaldaqstant, kif tista’ l-art terġa’ ssir art agrikola jekk suppost li ma nbniet l-ebda pompa tal-petrol fuqha?

## Konklużjoni

Il-KA tistieden lill-awtoritajiet iħarsu iż-żoni li huma barra mill-konfini tal-iżvilupp u jindirizzaw l-anomaliji li huma indikati hawnhekk, waqt li jżommu quddiem għajnejhom il-fatt li fl-aħħar mill-aħħar il-ħtieġa li jiġu rilokati pompi tal-petrol eżistenti, aktar ma jgħaddi ż-żmien, qed issir inqas rilevanti minħabba l-miri li l-Gvern stess qed jagħmel biex minn diesel jew petrol il-vetturi jmorru għal sorsi oħra ta’ enerġija.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta’ Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**